Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1944

30.9.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1944

tad-29 ta' Settembru 2025

li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards ta' referenza għall-proċessi tat-trażmissjoni u tal-wasla tad-data b'servizzi elettroniċi ta' konsenja rreġistrati kwalifikati u fir-rigward tal-interoperabbiltà ta' dawk is-servizzi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44(2) u l-Artikolu 44(2b) tiegħu,

Billi:

(1) Is-servizzi elettroniċi ta' konsenja rreġistrati kwalifikati jipprovdu mezz sigur għat-trażmissjoni tad-dokumenti, inkluż prova li d-data ntbagħtet u ġiet riċevuta. Dawn għandhom l-għan li jipprovdu ċ-ċertezza fl-identifikazzjoni tad-destinatarju u jżommu livell għoli ta' fiduċja fl-identifikazzjoni tal-mittent.

(2) Il-preżunzjoni tal-konformità stabbilita fl-Artikolu 44(1a) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 jenħtieġ li tapplika biss meta s-servizzi fiduċjarji kwalifikati għall-għoti ta' servizzi elettroniċi ta' konsenja rreġistrati kwalifikati jkunu konformi mal-istandards stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawn l-istandards jenħtieġ li jkunu jirriflettu prattiki stabbiliti u jiġu rikonoxxuti b'mod wiesa' fis-setturi rilevanti. Dawn jenħtieġ li jiġu adattati biex ikunu jinkludu kontrolli addizzjonali li jiżguraw is-sigurtà u l-affidabbiltà tas-servizz fiduċjarju kwalifikat.

(3) Jekk fornitur tas-servizzi fiduċjarji josserva r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-korpi superviżorji jenħtieġ li jassumu l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u jqisu kif xieraq dik il-preżunzjoni waqt l-għoti jew il-konferma tal-istatus kwalifikat tas-servizz fiduċjarju. Iżda fornitur kwalifikat tas-servizzi fiduċjarji xorta jista' jistrieħ fuq prattiki oħra biex juri l-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

(4) Skont l-Artikolu 44(2a) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, meta l-fornituri tas-servizzi fiduċjarji kwalifikati jiftiehmu biex jagħmlu s-servizzi tagħhom interoperabbli, hu importanti li josservaw standards u speċifikazzjonijiet xierqa kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni biex jittrasferixxu faċilment id-data elettronika rreġistrata bejn żewġ fornituri jew aktar tas-servizzi fiduċjarji kwalifikati u biex jippromwovu prattiki ġusti fis-suq intern.

(5) Il-Kummissjoni tivvaluta regolarment teknoloġiji, prattiki, standards jew speċifikazzjonijiet tekniċi ġodda. F'konformità mal-Premessa 75 tar-Regolament (UE) 2024/1183 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina u taġġorna dan ir-Regolament, jekk ikun meħtieġ, biex iżżommu konformi mal-iżviluppi globali, teknoloġiji, standards jew speċifikazzjonijiet tekniċi ġodda, u biex issegwi l-aqwa prattiki fis-suq intern.

([1]) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2024/1183 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment tal-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali (ĠU L, 2024/1183, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1183/oj).

(6) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u, meta rilevanti, id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) japplikaw għall-attivitajiet kollha tal-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament.

(7) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u ta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Ġunju 2025.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat stabbilit bl-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Standards ta' referenza u speċifikazzjonijiet għas-servizzi elettroniċi ta' konsenja rreġistrati kwalifikati

L-istandards ta' referenza u l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 huma stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Standards ta' referenza u speċifikazzjonijiet għal interoperabbiltà bejn is-servizzi elettroniċi ta' konsenja rreġistrati kwalifikati

L-istandards ta' referenza u l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(2b) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 huma stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([4]) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/58/oj).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

ANNESS I

Lista tal-istandards ta' referenza u speċifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1

L-istandard ETSI EN 319 521 V1.1.1 (2019-02) ("ETSI EN 319 521") japplika bl-adattamenti li ġejjin:

1. Għal ETSI EN 319 521

(1) 2.1 Referenzi normattivi:

— [1] ETSI EN 319 401 V3.1.1 (2024-06) "Firem u Infrastrutturi Elettroniċi (ESI); Rekwiżiti ta' Politika Ġenerali għall-Forniturі tas-Servizzi Fiduċjarji".

— [2] ETSI EN 319 411-1 V1.5.1 (2025-04) "Firem u Infrastrutturi Elettroniċi (ESI); Rekwiżiti ta' politika u tas-sigurtà għall-Forniturі tas-Servizzi Fiduċjarji li joħorġu ċ-ċertifikati; Parti 1: Rekwiżiti ġenerali".

— [3] ETSI EN 319 522-1 V1.2.1 (2024-01) "Firem u Infrastrutturi Elettroniċi (ESI); Servizzi Elettroniċi ta' Konsenja Reġistrati; Parti 1: Qafas u Arkitettura".

— [4] ETSI EN 319 522-2 V1.2.1 (2024-01) "Firem u Infrastrutturi Elettroniċi (ESI); Servizzi Elettroniċi ta' Konsenja Reġistrati; Parti 2: Kontenut semantiku".

— [5] Il-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà, Sottogrupp dwar il-Kriptografija: "Agreed Cryptographic Mechanisms" ippubblikat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà ("ENISA") ([1]).

— [6] ISO/IEC 15408-1:2022 – Sigurtà tal-informazzjoni, ċibersigurtà u protezzjoni tal-privatezza - Kriterji tal-evalwazzjoni għas-sigurtà tal-IT.

— [7] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/482 ([2]) li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni tal-iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà bbażata fuq il-Kriterji Komuni (EUCC).

— [8] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3144 ([3]) li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/482 fir-rigward tal-istandards internazzjonali applikabbli u li jikkoreġi dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

— [9] FIPS PUB 140-3 (2019) "Rekwiżiti tas-Sigurtà għall-Moduli Kriptografiċi".

(2) 3.1 Termini

— siġill elettroniku avvanzat: Kif definit fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 [i.1].

— firma elettronika avvanzata: Kif definit fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 [i.1].

— siġill elettroniku kwalifikat: Kif definit fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 [i.1].

— firma elettronika kwalifikata: Kif definit fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 [i.1].

— apparat kriptografiku sigur: apparat li jżomm il-kjavi privata tal-utent, jipproteġi din il-kjavi mill-kompromess u jwettaq funzjonijiet ta' ffirmar jew dekriptaġġ f'isem l-utent.

([1]) https://certification.enisa.europa.eu/publications/eucc-guidelines-cryptography_en.
([2]) ĠU L, 2024/482, 7.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/482/oj.
([3]) ĠU L, 2024/3144, 19.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/3144/oj.

(3) 5.1.1 Dispożizzjonijiet komuni

— REQ-ERDS-5.1.1-01 L-ERDS għandha tiżgura li d-disponibbiltà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-kontenut tal-utent ikunu ggarantiti kif xieraq filwaqt li jiġu ttrattati mill-ERDS, billi jintgħażlu tekniki kriptografiċi xierqa ta' integrità u kunfidenzjalità konformi mal-Mekkaniżmi Kriptografiċi Miftiehma approvati mill-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà u ppubblikati mill-ENISA [5].

(4) 5.2.1.1 Ġenerali

— DQ-QERDS-5.2.1.1-01 Il-QERDSP għandha tivverifika b'livell għoli ħafna ta' kunfidenza, l-identità tar-riċevitur direttament jew billi tistrieħ fuq parti terza, u billi tuża wieħed mill-mezzi li ġejjin jew taħlita tagħhom kif meħtieġ:

(a) bil-preżenza fiżika tal-persuna fiżika jew ta' rappreżentant awtorizzat tal-persuna ġuridika, permezz ta' evidenza xierqa, proċeduri, f'konformità mad-dritt nazzjonali;

(b) mill-bogħod, b'mezz tal-identifikazzjoni elettronika, li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 [i.1] fir-rigward tal-livell ta' assigurazzjoni "għoli", jew permezz tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali;

(c) b'ċertifikat tal-firma elettronika kwalifikata jew tas-siġill elettroniku kwalifikat;

(d) b'metodi oħra tal-identifikazzjoni, li jiżguraw li l-persuna fiżika jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-persuna ġuridika jkunu jistgħu jiġu identifikati b'livell għoli ħafna ta' kunfidenza. L-assigurazzjoni li din l-identifikazzjoni ssir b'livell għoli ħafna ta' kunfidenza għandha tiġi kkonfermata minn korp tal-valutazzjoni tal-konformità.

— DQ-QERDS-5.2.1.1-01A Il-QERDSP għandha tivverifika l-identità tal-emittent b'mezzi xierqa direttament jew billi tistrieħ fuq parti terza, abbażi ta' wieħed mill-metodi li ġejjin jew taħlita tagħhom:

(a) bil-preżenza fiżika tal-persuna fiżika jew ta' rappreżentant awtorizzat tal-persuna ġuridika, permezz ta' evidenza xierqa, proċeduri, f'konformità mad-dritt nazzjonali;

(b) mill-bogħod, bil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jew b'mezz tal-identifikazzjoni elettronika notifikat li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 [i.1] fir-rigward tal-livell tal-assigurazzjoni "sostanzjali" diment li jkun inħareġ abbażi tal-preżenza fiżika minn qabel tal-persuna fiżika jew ta' rappreżentant awtorizzat tal-persuna ġuridika;

(c) b'ċertifikat tal-firma elettronika avvanzata jew tas-siġill elettroniku avvanzat, diment li ċ-ċertifikat ikun inħareġ lill-persuna fiżika jew lil rappreżentant awtorizzat tal-persuna ġuridika skont il-Politika taċ-Ċertifikati Normalizzata (NCP) kif definit f'ETSI EN 319 411-1 [2]; jew

(d) b'metodi oħra tal-identifikazzjoni, li jiżguraw li l-persuna fiżika jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-persuna ġuridika jkunu jistgħu jiġu identifikati b'livell għoli ħafna ta' kunfidenza. L-assigurazzjoni li din l-identifikazzjoni ssir b'livell għoli ta' kunfidenza għandha tiġi kkonfermata minn korp tal-valutazzjoni tal-konformità.

— NOTA Il-parti terza li tivverifika l-identità tal-emittent u tar-riċevitur tista' tkun QERDSP oħra jekk l-emittent u r-riċevitur ikunu sottoskritti għal QERDSPs differenti.

(5) 5.2.1.2 Identifikazzjoni tar-riċevitur u trasferiment tal-kontenut tal-utent

— DQ-QERDS-5.2.1.2-03 Jekk l-identifikazzjoni tar-riċevitur tkun ibbażata fuq proċess intern tal-QERDS, il-QERDP għandha twettaq il-proċess kollu f'ambjent sigur u kkontrollat.

(6) 5.2.2 Dispożizzjonijiet għall-awtentikazzjoni tal-QERDS tal-UE

— DQ-QERDS-5.2.2-03 [KUNDIZZJONALI] Meta l-QERDSP torbot mezzi tal-awtentikazzjoni ma' identità tal-emittent verifikata skont il-klawżola 5.2.1, dan għandu jkun waħda minn dawn li ġejjin:

(a) mekkaniżmi tal-awtentikazzjoni b'żewġ fatturi;

(b) Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jew mezz tal-identifikazzjoni elettronika notifikat li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 [i.1] fir-rigward tal-livell tal-assigurazzjoni "għoli" jew "sostanzjali";

(c) awtentikazzjoni reċiproka tat-TLS, li tinkludi ċ-ċertifikat maħruġ lill-emittent skont l-NCP kif definit f'ETSI EN 319 411-1 [2];

(d) firma diġitali appoġġata b'ċertifikat maħruġ skont l-NCP kif definit f'ETSI EN 319 411-1 [2];

(e) mezzi oħra li jiżguraw l-awtentikazzjoni tal-mittent identifikat. Il-konformità tar-rabta għandha tiġi kkonfermata minn korp tal-valutazzjoni tal-konformità. Pereżempju: Dan jista' jinkludi l-użu ta' wieħed mill-mezzi t'hawn fuq mill-ittri (a), (b) u (d) għar-reġistrazzjoni ta' ċertifikat tal-klijent tas-Sigurtà tas-Saff tat-Trasport (TLS) biex jintbagħat b'mod awtomatizzat b'TLS reċiproku, jew għar-reġistrazzjoni ta' ċertifikat tas-siġill diġitali użat biex jiġu ssiġġillati dikjarazzjonijiet għall-awtentikazzjoni mal-ERDS. Jistgħu japplikaw ukoll mekkaniżmi oħra meta l-emittenti identifikati jkunu qed jużaw servizzi delegati ta' partijiet terzi.

— DQ-QERDS-5.2.2-03A [KUNDIZZJONALI] Meta l-QERDP torbot mezzi tal-awtentikazzjoni ma' identità tar-riċevitur verifikata skont il-klawżola 5.2.1, dan għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin, diment li l-mezzi, jew xi kombinament tal-mezzi, jiżguraw livell għoli ħafna ta' kunfidenza fir-rigward tal-identità tar-riċevitur awtentikat:

(a) mekkaniżmu tal-awtentikazzjoni b'diversi fatturi

(b) Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jew mezz tal-identifikazzjoni elettronika notifikat li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 [i.1] fir-rigward tal-livell tal-assigurazzjoni "għoli" jew "sostanzjali";

(c) ċertifikat tal-firma elettronika kwalifikata jew tas-siġill elettroniku kwalifikat;

(d) mezzi oħra li jiżguraw l-awtentikazzjoni tar-riċevitur identifikat. Il-konformità tar-rabta għandha tiġi kkonfermata minn korp tal-valutazzjoni tal-konformità. Pereżempju: Dan jista' jinkludi l-użu ta' wieħed mill-mezzi t'hawn fuq mill-ittri (a) sa (c) għar-reġistrazzjoni ta' ċertifikat tal-klijent tas-Sigurtà tas-Saff tat-Trasport (TLS) biex jintbagħat b'mod awtomatizzat b'TLS reċiproku, jew għar-reġistrazzjoni ta' ċertifikat tas-siġill diġitali użat biex jiġu ssiġġillati dikjarazzjonijiet għall-awtentikazzjoni mal-ERDS. Jistgħu japplikaw ukoll mekkaniżmi oħra meta l-emittenti identifikati jkunu qed jużaw servizzi delegati ta' partijiet terzi.

— REQ-QERDS-5.2.2-04 [KUNDIZZJONALI] Jekk l-emittent jaqbad mal-QERDS b'konnessjoni sigura li tkun teħtieġ awtentikazzjoni reċiproka bejn magna u oħra, f'dan il-każ bejn il-magna tal-emittent u s-server tal-QERDS abbażi ta' ċertifikati maħruġa skont l-NCP kif definit f'ETSI EN 319 411-1 [2], wara li tkun ġiet stabbilita din il-konnessjoni sigura, jistgħu jiġu adottati mekkaniżmi tal-awtentikazzjoni b'fattur wieħed għat-tieni fażi tal-awtentikazzjoni tal-emittent jekk il-proċeduri organizzattivi u l-miżuri tas-sigurtà stabbiliti jkunu jiżguraw il-kunfidenza fl-awtentikazzjoni tal-emittent.

(7) 5.4.1 Dispożizzjonijiet komuni

— DIM-ERDS-5.4.1-06 L-ERDS għandha tiġġenera u tagħmel disponibbli għall-partijiet interessati leġittimi, evidenza tal-ERDS dwar l-avvenimenti tal-ERD kif definit fil-klawżola 6 ta' ETSI EN 319 522-1 [3].

— DIM-ERDS-5.4.1-07 L-ERDSP għandha tarkivja l-evidenza u/jew id-dettalji tal-evidenza għal kull evidenza li tkun ħarġet.

— DIM-ERDS-5.4.1-08 L-evidenza tal-ERDS iġġenerata mill-ERDS għandha tikkonforma mal-evidenza semantika definita fil-klawżola 8 ta' ETSI EN 319 522-2 [4].

(8) 7.2.1 Dispożizzjonijiet komuni

— REQ-ERDS-7.2.1-02 Il-persunal tal-ERDSP fi rwoli ta' fiduċja għandu jkun jista' jissodisfa r-rekwiżit ta' "għarfien espert, esperjenza u kwalifiki" permezz ta' taħriġ u kredenzjali formali, jew esperjenza reali, jew taħlita tat-tnejn.

— REQ-ERDS-7.2.1-03 Il-konformità ma' REQ-ERDS-7.2.1-02 għandha tinkludi aġġornamenti regolari (imqar kull 12-il xahar) dwar theddid ġdid u prattiki attwali tas-sigurtà.

(9) 7.3.2 Ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-midja

— REQ-ERDS-7.3.1-02 Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti kollha minn ETSI EN 319 401 [1], il-klawżola 7.3.3.

(10) 7.5 Kontrolli kriptografiċi

— REQ-ERDS-7.5-01A L-ERDS għandha tagħżel u tuża tekniki kriptografiċi xierqa f'konformità mal-Mekkaniżmi Kriptografiċi Miftiehma approvati mill-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà u ppubblikati mill-ENISA [5].

— REQ-ERDSP-7.5-03 Il-kjavi privata tal-iffirmar tal-ERDS għandha tinżamm u tintuża f'apparat kriptografiku sigur li jkun sistema affidabbli ċċertifikata f'konformità ma':

(a) Il-Kriterji Komuni għall-Evalwazzjoni tas-Sigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni, kif stabbiliti fl-ISO/IEC 15408 [6] jew fil-Kriterji Komuni għall-Evalwazzjoni tas-Sigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni, il-verżjoni CC:2002, il-Partijiet 1 sa 5, ippubblikati mill-parteċipanti tal-Arranġament dwar ir-Rikonoxximent taċ-Ċertifikati tal-Kriterji Komuni fil-qasam tas-Sigurtà tal-IT, u ċċertifikati għal EAL 4 jew ogħla; jew

(b) l-iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà bbażata fuq Kriterji Komuni (EUCC) [7][8], u ċċertifikata għal EAL 4 jew ogħla; jew

(c) sal-31.12.2030, FIPS PUB 140-3 [9] livell 3.

Din iċ-ċertifikazzjoni għandha tkun għal mira tas-sigurtà jew profil tal-protezzjoni, jew għal dokumentazzjoni tad-disinn u tas-sigurtà tal-modulu, li tkun tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan id-dokument, abbażi ta' analiżi tar-riskju u b'kunsiderazzjoni ta' miżuri tas-sigurtà fiżiċi u miżuri mhux tekniċi oħrajn.

Jekk l-apparat kriptografiku sigur jibbenefika minn ċertifikazzjoni tal-EUCC [7][8], dan l-apparat għandu jiġi kkonfigurat u użat f'konformità ma' dik iċ-ċertifikazzjoni.

(11) 7.8 Sigurtà tan-network

— REQ-ERDSP-7.8-04 L-ERDSP għandha tuża protokolli u algoritmi mill-aktar avvanzati, għall-kriptaġġ fil-livell tas-saff tat-trasport f'konformità mal-Mekkaniżmi Kriptografiċi Miftiehma approvati mill-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà u ppubblikati mill-ENISA [5].

— REQ-ERDSP-7.8-06 L-iskennjar għall-vulnerabbiltajiet mitlub minn REQ-7.8-13 ta' ETSI EN 319 401 [1] għandu jsir imqar darba kull trimestru.

— REQ-ERDSP-7.8-07 It-test tal-penetrazzjoni mitlub minn REQ-7.8-17X ta' ETSI EN 319 401 [1] għandu jsir imqar darba fis-sena.

— REQ-ERDSP-7.8-08 Il-firewalls għandhom jiġu kkonfigurati biex iwaqqfu l-protokolli u l-aċċessi kollha mhux meħtieġa għall-operazzjoni tat-TSP.

(12) 7.12 Terminazzjoni tal-ERDSP u pjanijiet tat-terminazzjoni tal-ERDS

— REQ-ERDS-7.12-03 Il-pjan tat-terminazzjoni tal-ERDSP għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 [i.1].

(13) 7.14 Katina tal-provvista

— REQ-ERDS-7.14-01 Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti speċifikati f'ETSI EN 319 401 [1], il-klawżola 7.14.

ANNESS II

Lista tal-istandards ta' referenza u speċifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2

Japplikaw l-istandards ETSI EN 319 522-1 V1.2.1 (2024-01) ("ETSI EN 319 522-1"), ETSI EN 319 522-2 V1.2.1 (2024-01) ("ETSI EN 319 522-2"), ETSI EN 319 522-3 V1.2.1 (2024-01) ("ETSI EN 319 522-3"), ETSI EN 319 522-4-1 V1.2.1 (2019-01) ("ETSI EN 319 522-4-1"), ETSI EN 319 522-4-2 V1.1.1 (2018-09) ("ETSI EN 319 522-4-2") u ETSI EN 319 522-4-3 V1.1.1 (2018-09) ("ETSI EN 319 522-4-3").